**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Charles Pace *et noe*

*versus*

Tarcisio Borg *noe*

**Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju - Revoka ta'**

*Il-Qorti kkonfermat iċ-ċaħda ta' l-Ewwel Qorti li jiġi rrevokat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju.*

Il-Qorti:-

L-atturi *nomine* pproċedew quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bil-preżenti ċitazzjoni hawn taħt ikkwotata:

"Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-28 ta' Settembru, 1992 li biha l-atturi *nomine*, wara li ppremettew illi l-konvenut fl-14 ta' Settembru, 1992 ippreżenta Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju

numru 1754/92 fl-ismijiet **Tarcisio Borg bħala leġittimu rappreżentant ta' bintu minuri Sharon *vs* Charles Pace u Joseph Pace bħala diretturi u għan-nom u in rappreżentanza ta' Mosta Auto Dealers Co. Ltd.**, illi tali mandat ta' sekwestru huwa null u bla effett u dan stante li ġie ppreżentat u maħruġ nonostante l-inkompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *ratione materiae* u dan stante li la darba ġie ppreżentat huwa ukoll null u bla effett stante li Joseph Pace, kif indikat fl-istess *mandat mhuwiex direttur u rappreżentant ġuridiku tas-soċjetà konvenuta kif faċilment seta' jiġi formalment ivverifikat; talbu* li din il-Qorti:

Tiddikjara u tiddeċidi li l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1754/92 fuq imsemmi huwa null u bla effett stante l-inkompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *ratione materiae kif premess, u ukoll peress li kontra dak indikat fl-*istess sekwestru, Joseph Pace la huwa direttur u lanqas rappreżentant ġuridiku tas-soċjetà intimata, s-soċjetà attriċi odjerna;

Konsegwentement tirrevoka l-imsemmi mandat;

Bl-ispejjż u b'riserva ta' kull azzjoni ta' danni kompetenti lill-atturi kontra l-konvenut inġunt personalment għas-subizzjoni";

Din il-kawża għandha meritu identiku bħal dak tal-kawża *fl-istess ismijiet li ġġib in-numru 1109/92 deċiża minn din il-*Qorti llum. Waqt li f'din il-kawża l-oħra s-soċjetà attriċi kienet qed tittanta r-revoka ta' mandat ta' qbid degretat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq talba ta' l-appellat kontra tagħha, fil-preżenti kawża l-istess atturi *nomine* appellanti qed jitolbu dikjarazzjoni tan-nullità ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru. 1754/92 maħruġ mill-istess Qorti in kawtela ta' l-istess

meritu;

Japplikaw allura *mutatis mutandis* għal din il-kawża l-istess konsiderazzjonijiet li bilfors iwasslu għall-istess konklużjoni. Dan naturalment, safejn tali konsiderazzjonijiet huma applikabbli;

Il-Qorti tagħmel hawn referenza sħiħa għal dik il-motivazzjoni li għandha titqies safejn applikabbli li tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza. It-talbiet attriċi, f'din il-kawża, ma jistgħux, għall-istess raġunijiet, jiġu milqugħa, u l-appell hu anke f'din il-kawża nsostenibbli;

Għal dawn il-motivi u għall-motivi dedotti fis-sentenza appellata, l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata;

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti *nomine*.